# DIGRIET

**Każ Numru 2836 DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Nicholas Caruana Turner**

**u**

**Malta Freeport Terminals Limited dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta**

**1. Daħla**

Nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju 2011, fil-waqt li l-Avukat Joe Zammit Maempel kien qiegħed jagħmel il-kontro-eżami tar-rikorrent, iddikjara li kien ser jissosspendi l-kontro-eżami għaliex f'waħda mit-tweġibiet li ta r-rikorrent waqt ix-xhieda tiegħu, dak li qal kien jikkonfliġi ma' xhieda li ngħatat minn Manwel Agius u Adrian Baldacchino. L-Avukat Joe Spiteri Maempel talab dettalji personali mingħand ir-rikorrent biex ikun jista' jġib provi kuntrarji għal dak li kien għadu kif xehed, u wkoll biex jagħmel konfront bejn ix-xhieda ta' Manwel Agius u Adrian Baldacchino max-xhied tar-rikorrent.

Dr Sarah Sultana għar-rikorrent oggezzjonat għal din it-talba in vista tal-fatt li din it-telefonata li qed tissemma u li allegatament saret bejn Adrian Baldacchino u Nicholas Caruana Turner diġa ssemmiet fl-istadju tal-provi tal-kumpanija intimata. Il-provi tal-kumpanija kienu diġa ngħalqu u allura l-kumpanija intimata kellha tagħmel it-talba għat-telefonata li saret lil Adrian Baldacchino fi stadju ulterjuri, iżda naqset li tgħamel dan.

**2. Verbali tal-partijiet**

2.1 "Dr Joe Zammit Maempel għall-Malta Freeport qiegħed jitlob li:

2.1.1 Ix-xhud jipprovdi in-numru tal-*mobile* tiegħu.

2.1.2 Isir konfront bejn ir-rikorrent, u Manwel Agius u lis-Sur Baldacchino".

2.2 "Dr Sarah Sultana għar-rikorrent stqarret li fir-rigward:

2.2.1 Ta' l-ewwel talba toġġezzjona u dana in vista tal-fatt li din it-telefonata li qed tissemma li allegatament saret bejn Adrian Baldacchino u Nicholas Caruana Turner diġa ssemmiet fl-istadju

tal-provi tas-soċjeta' intimata. Il-provi ta' l-istess soċjeta' diġa jinsabu magħluqa u se mai is-soċjeta' intimata kellha tippreżenta it-telefonati li saru lil Adrian Baldacchino u naqset li tghamel dan.

2.2.2 Tat-tieni talba hi ma topponix għall-konfront mitlub bejn Manwel Agius u Adrian Baldacchino u r-rikorrent".

## 3. Kunsiderazjonijiet tat-Tribunal Industrijali

It-Tribunal Industrijali josserva li:

3.1 Alex Montebello prodott mill-kumpanija itimata li xehed fis-seduta tas-27.10.10 stqarr li kien jaf li r-rikorrent kien ċempel lil Adrian Baldacchino, l-aġent tal-vapur Marie, u kellmu rigwardanti ċ-ċapep li kienu nxtraw mill-Kaptan ta' l-istess vapur.

3.2 L-istess Adrian Baldacchino prodott ukoll mil-kumpanija intimata li xehed fis-seduta tas-17.11.10 stqarr li kien irċieva telefonata mingħand ir-rikorrent u talbu jgħidlu min kien kixfu li kien innegozja l-bejgħ ta' ċapep lill-Kaptan tal-vapur Marie.

3.3 Fi tmiem it-tieni seduta li saret nhar l-Erbgħa 17.11.10 l-Avukat Joe Zammit Maempel f'isem il-kumpanija intimata kien iddikjara l-provi magħluqa salv għal xi dokumentazzjoni. Fi tmiem it-tielet laqgħa li saret nhar l-Erbgħa l-01.12.10 l-istess Avukat talab li, jekk sakemm jintemm il-każ jerġa' jkun Malta l-vapur, itella' lill-Kaptan jew Uffiċjal ieħor biex jixhed. Għalkemm dawn ix-xhieda ma kinux indikati l-Avukata Sarah Sultana ma opponietx it-talba.

3.4 It-talba ta' l-Avukat Joe Zammit Maempel fi tmiem is-seduta li saret nhar l-Erbgħa 04.05.11, qiegħdha ssir wara l-egħluq tal-provi tal-kumpanija intimata biex tikkonfronta xhieda tar-rikorrenti li rriżultat waqt il-kontro-eżami.

3.5 Ir-raġuni mogħtija mill-kumpanija intimata għall-ewwel talba tagħha, cioe li "f'kull każ it-Tribunal Industrijali għandu jagħmel minn kollox biex jisskopri l-verita", u ġaladarba jirriżulta li l-kumpanija intimata kienet ilha taf b'l-allegats telefonata u ma għamlitx riżerva dwaraha qabel l-għeluq tal-provi tagħha, mhiex raġuni biżżejjed biex tinbidel il-proċedura korretta ta' kif jinstemgħu l-provi. Minbarra dan il-kumpanija intimata m'għandiex tistenna lir-rikorrent biex jgħina tikseb il-provi fil-konfrot tiegħu.

**4. Digriet**

It-Tribunal Industrijali:

4.1 Jiċħad it-talba ta' l-Avukat Joe Zammit Maempel f'isem il-kumpanija intimata, biex ir-rikorrent jagħti d-dettalji mitluba dwar it-telefon ċellulari tiegħu, u biex jekk ikun il-każ tiġi esebita' t-traskrizzjoni ta' l-allegat konverżazzjoni bit-telefon.

4.2 Jilqa' t-talba mhux opposta ta' l-Avukat Joe Zammit Maempel biex isir konfront bejn ir-rikorrent u ż-żewġ xhieda Manwel Agius u Adrian Baldacchino.

A. Degiovanni

A. DEGIOVANNI
Chairman

9 ta' Mejju 2011